# Il-Madonna tal-Karmnu

Patri Damian Cachia O.Carm



Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu hija antika ħafna u mxerrda mad-dinja kattolika. Kienu l-eremiti li kienu jgħixu fuq l-għolja tal-Karmelu u li minnhom beda l-Ordni Karmelitan li bdew id-devozzjoni lejn il-Madonna.

L-Ordni Karmelitani, b'differenza mill-Ordnijiet l-oħra, ma bediex minn xi fundatur, bħal ma huma l-Ordnijiet tad-Dumnikani, Franġiskani Ġiżwiti u l-bqija. Kienu rġiel tajbin li riedu jgħixu ħajja ta' talb u skiet, li kienu jinġabru fuq l-għolja tal-Karmelu fil-Palestina li tagħti fuq il-baħar mediterran. Dawn l-eremiti (rġiel) kienu jgħixu maqtugħin min-nies fis-skiet u t-talb. Il-Motto tagħhom kien li jgħixu fuq il-passi ta' Ġesù. Bħala mudell tal-ħajja kienu għażlu lil Sant Elija profeta u qaddis kbir tat-Testmenti il-qadim li kien dejjem jgħix fil-presenza ta' Alla. L-Ordni Karmelitan mhux ġej direttament minn San Elija, imma huma għażlu li jimxu fuq l-ispiritwalità tiegħu, għalhekk iqisuh bħala missier spiritwali tagħhom. F'nofs iċ-ċelel, kellhom kappella ddedikata lill-Madonna.

Meta n-numru ta' dawn l-irġiel kiber, riedu li jkollhom xi forma ta' ħajja, talbu lil Partrijarka ta' Ġerusalemm Albertu, biex jiktbilhom forma ta' ħajja (Regula) biex ikunu iktar organizzati

bejniethom. San Albert, fi ftit kliem fasslilhom Regula, msejsa fuq il-Bibbja u li minkejja l-qosor tagħha ma tħalli xejn minn dak li hu meħtieġ biex jgħixu ħajja komunitarja, ta' talb u ta' ħidma. Ir-Regula hija Kristo-ċentrika, l-ideal huwa Kristu.

Minħabba l-persekuzzjoni mis-Seraċini, kellhom iħallu l-Palestina u jemigraw lejn l-Ewropa. Hawn sabu ħafna diffikultajiet minn isqfijiet u Ordnijiet Reliġjużi oħra li kienu twaqqfu fl-Ewropa. Ir-raġuni ta' dawn id-diffukltajiet kienet, għax kienu jaħsbu li dan huwa Ordni Ġdid, u l-Konċilju Lateran IV, fis-sena 1215, kien ipprojbixxa li jitwaqqfu Ordnijiet Ġodda. Dawn l-irħieb kellhom jissieltu bis-sħiħ, biex jippruvaw li huma diġa' kellhom Regula miktuba mill-Patrijarka ta' Ġerusalemm, qabel il-projbizzjoni tal-Konċilju Lateran. Kien żmien il-Papa Bonifaċju VIII. Minn hawn dawn l-irġiel bdew jissejħu 'L-Aħwa tal-Madonna tal-Karmnu' kif għadu l-isem uffiċjali tal-Ordni Karmelitan. Kien il-Papa Innoċenzo IV li ta l-privileġġi kollha lill-Ordni bħall-Ordnijiet Mendikanti l-oħra.

Sa mill-bidu tal-esistenza tagħhom, l-irġiel mill-ispiritwalita' Elijana, fasslu ħajjithom fuq l-eżempju ta' Marija . Hemm qbil kbir bejn Elija u Marija. Il-ħajja verġni u kasta, is-smigħ u l-meditazzjoni tal-Kelma ta'Alla.

'Fil-ktieb ta' żmien bikri ħafna tal-Ordni 'il-Ktieb tal-Istituzzjoni tal-ewwel Irħieb' insibu dan: il-patrijiet għandhom joffru lil Alla qalb safja, qaddisa u nadifa minn kull dnub'

Id-devozzjoni tal-Labtu daħlet iktar tard fl-Ordni. Dawn l-irħieb sabu mezz kif iktar ikollhom simbolu li jgħinhom fil-mixja tagħhom lejn il-qdusija u dan kien il-Labtu li tfisser libsa. Kif San Pawl jgħid lil-insara li l-imgħammdin għandhom jilbsu 'l Kristu, u tilbes tfisser li tfassal il-ħajja biex issir tixbaħ lil Ġesù. Il-Karmelitani antiki, tawna l-Labtu, biex meta nxidduħ fuqna nġibu ruħna qisna qed nilbsu l-virtujiet tal-Madonna.

Il-Labtu mhux biljett jew passaport li jagħtina xi dritt għall-ġenna, imma huwa simbolu biex jgħina nfasslu ħajjitina fuq dik tal-Madonna, biex permezz tagħha morru għand Binha Ġesù

